---

30 ta' April, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Emmanuele Micallef ne. *versus* Alfred Tonna**

**Institur — Bejgħ — Self —**
**Art. 63, 64 u 65 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-prinċipal huwa responsabili għall-għemil ta' l-institur u għall-obligazzjonijiet li dan jikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ jew tal-linja tal-kummerċ li jkun ġie mħolli f'idejh.*

*L-inkariku ta' l-institur għandu jitqies bħala ġenerali, jekk il-prinċipal ma jkunx ippreżenta fil-Qorti tal-Kummerċ nota li turi ħaġa b'ħaġa x'inhuma l-limiti kollha għas-setgħat mogħtija minnu lill-institur, u ma jkunx ipprokura li dik in-nota tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern u f'ġurnal ieħor, jekk dak l-inkariku jista' jkun kummerċjali. Sakemm il-prinċipal ma jagħmelx dan, l-inkariku tiegħu lill-institur quddiem it-terzi għandu jkun kunsidrat bħala ġenerali.*

*Għalhekk il-prinċipal, fin-nuqqas tal-formalità fuq imsemmija, huwa responsabili għall-prezz tal-merkanzija li l-institur ikun xtara bid-dejn għan-negozju jew għal linja tan-negozju tal-prinċipal.*

*Għax fix-xiri bid-dejn u fid-dewmien ta' ħlas għal ftit żmien ma hemm xejn straordinarju għall-institur. Anzi l-istess institur jista' validament jissellef flus bl-iskop espress li jservu għan-negozju jew għal linja tan-negozju tal-prinċipal li minnu jkun inkarikat l-institur.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine talab li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, il-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £39. 13. 1, import ta' żebgħa, kollha, imsiemer, u ġeneri affini, lilu mibjugħa u konsenjati, skond kif jidher mill-kont markat Dok. A. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-31 ta' Mejju 1950;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-24 ta' Jannar 1951, li ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; billi kkunsidrat;

Illi deher mill-provi illi l-konvenut kellu stabbiliment tax-xogħol ta' mastrudaxxa. Fiż-żmien rilevanti għal dina l-kawża kien inkarikat mid-direzzjoni tax-xogħol ċertu Antonio Grima, il-lum imsiefer l-Awstralja. Dana Grima ħa diversi affarijiet minn għand id-ditta ta' l-attur, u l-attur qiegħed jitlob il-prezz tagħhom minn għand il-konvenut fuq ir-rifless li Grima kien inkarikat tal-konvenut u li ħa l-affarijiet għall-post tal-konvenut;

Għandu jingħad qabel xejn li għalkemm fiċ-ċitazzjoni l-attur talab is-somma ta' £39. 13. 1, dina "ex admissis"....... għandha tkun biss ta' £31. 19. 7;

L-attur invoka favur tiegħu l-prinċipju illi l-prinċipal hu responsabili għall-għemil ta' l-institur u għall-obligazzjonijiet li dana jikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ imħolli f'idejh (art. 64 Kap. 17). Dan il-prinċipju għandu, però, loġikament jiftiehem skond l-art. 1982 tal-Kap. 23, illi ċjoè l-mandant hu tenut jeżegwixxi l-obligazzjonijiet li jkun ikkuntratta l-mandatarju, basta però skond is-setgħat li huwa jkun tah, u ma hux obligat għal dak li l-mandatarju jkun għamel barra mill-limiti ta' dawk is-setgħat;

Issa altru li wieħed jgħid li Grima kien inkarikat bid-direzzjoni tax-xogħol tekniku ta' dina l-fabbrika tal-konvenut, u altru li wieħed isostni illi Grima seta' jieħu a kreditu minn għand terzi kull ammont li jogħġbu u jakkolla bih lill-konvenut;

Hi loġika ġuridika li, biex domanda simili tirnexxi, il-Qorti għandha tkun soddisfatta, jew illi l-konvenut f'kawża simili jkun awtorizza lill-inkarikat tiegħu li jieħu a kreditu illimitatament, jew almenu f'ammont mhux anqas minn dak li jintalab, jew inkella li jkun għarraf lill-fornitur li jista' jagħti kreditu lill-inkarikat sa daqshekk, ossija li jiġi soddisfaċentement pruvat illi l-*oġġetti fil-fatt* servew utilment lill-konvenut jew lil ħaġa tiegħu;

Issa, f'dana l-każ, "ex concessis" il-konvenut qatt ma kellem lill-attur, jew lil xi impjegat tiegħu, qabel ma nqalgħet din il-kwistjoni. Għalhekk l-attur ma jistax jippretendi li huwa ġie fakoltat mill-konvenut li jagħti kreditu lil Grima. L-intiża bejn il-konvenut u l-inkarikat tiegħu kienet evidentement dik biss illi dan l-inkarikat jieħu xi affarijiet minn għand l-attur, iżda l-fornituri jkunu limitati għal xi ġimgħa, *ftit anqas jew ftit aktar*, allura l-*inkarikat kien jagħti* lill-konvenut iċ-"chit", ossija "delivery note", tad-ditta ta' l-attur, u l-konvenut kien iħallas. Din il-prattika, rikonoxxuta mill-konvenut, hi konfermata mill-kont dettaljat fol. 34 et seq., fejn appuntu l-ewwel hemm kont saldat ta' xi erbat ijiem, imbagħad hemm interval kbir mid-19 ta' Settembru 1949 sat-2 ta' Jannar 1950, li jikkostitwixxi appuntu s-somma tat-talba odjerna. F'dan il-perijodu Grima ħa oġġetti minn għand id-ditta ta' l-attur, bla ma ta ebda "chit" jew "delivery note"

lill-konvenut; imbagħad, wara dan l-intervall kbir, hemm diversi kontijiet saldati, kollha ta' perijodi pjù o meno qsar;

Għalhekk, meta tħalla dan l-intervall ta' qisu tliet xhur u nofs, dan kien kuntrarjament għall-prattika li ddepona fuqha l-konvenut. La l-attur u lanqas l-impjegat tiegħu (avvolja, kif deher mill-provi, dan għandu nteress fin-negozju superjuri għal dak ta' sempliċi impjegat, għax ommu soċja ta' l-attur) ma qalu xejn lill-konvenut f'dana l-intervall; mentri kienet tkun prudenza elementari mhux biss li mill-ewwel jistaqsu lill-konvenut sa liema limiti kellhom jagħtu a kreditu lill-inkarikat tiegħu, imma li almenu, meta raw dan iż-żmien kollu għaddej bla ma jsir ebda ħlas, li javvertu lill-konvenut;

Lanqas ġie pruvat għas-soddisfazzjon tal-Qorti illi l-affarijiet kompriżi fil-kont mitlub servew għall-fabbrika tal-konvenut. Il-fatt li ġew kunsinnati hemm ma hux biżżejjed, għaliex iċ-ċavetta tal-kamra kienet f'idejn Grima, u dan kien qiegħed jagħmel xogħol ieħor barra tal-konvenut;

L-imprudenza ta' l-attur żdiedet meta dan Antonio Grima, wara li ħareġ mill-ħabs, reġa' beda jieħu minn għand l-attur u jħallas b'intervall żgħir; għaliex l-attur ma kienx ċertament imissu jħalli l-kont ta' qabel skopert bla ma javża lill-konvenut kif fil-fatt ma avżah b'xejn;

Għalhekk, la darba ma jidherx li Grima kien awtorizzat jieħu a kreditu oġġetti sa dak l-ammont għan-nom tal-konvenut, la darba ma jistax jiġi bl-ebda mod argumentat li l-attur kien b'xi mod ġustifikat li jaħseb li Grima kien fakoltizzat jieħu a kreditu sa dak l-ammont, la darba ma jidherx mill-kumpless taċ-ċirkustanzi li l-konvenut ta lil Grima l-fakoltà li jieħu a kreditu illimitatament, u la darba ma ġiex pruvat soddisfaċentement li l-oġġetti "de quibus" fil-fatt servew lill-konvenut jew lill-fabbrika tiegħu, il-Qorti ma tħosshiex ġustifikata li takkolji t-talba ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-attur li biha appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-24 ta' Jannar 1951;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur appellant, li biha dan talab ir-revoka tas-sentenza appellata u l-laqgħa tat-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta li l-konvenut kellu stabbiliment tax-xogħol ta' mastrudaxxa, li minnu kien inkarikat bħala institur ċertu Anton'o Grima. Dan kien perjodikament jixtri oġġetti li soltu jservu għall-mastrudaxxa, u kull ġimgħa kien iħallas il-kont. Ġiet epoka meta Grima ħa minn dawk l-oġġetti bid-dejn bħas-soltu, iżda mingħajr ma kien iħallashom f'għeluq il-ġimgħa, u l-kont tela' £31. 19. 7 f'perijodu li beda fid-19 ta' Settembru 1949 u għalaq fit-2 ta' Jannar 1950. L-attur ma tħallasx; u meta aktar tard talab il-ħlas lill-konvenut, dana ċaħdu minnhom. Intant kienet drawwa tal-konvenut u Grima bejniethom, li Grima jagħti lill-konvenut in-nota ta' l-oġġetti li jkun xtara ma' tul il-ġimgħa, u l-konvenut kien jagħtih il-flus, u allura Grima kien iħallas lill-attur. Iżda ftehim u rapporti diretti bejn l-attur u l-konvenut ma kien hemm qatt. Minn dan li ġie rilevat jidher ċar li l-konvenut kien jaf li Grima kien qed jieħu l-oġġetti bid-dejn, u bil-ħlas il-konvenut kien ta' kull ġimgħa jirratifika x-xiri bid-dejn. L-oġġetti mixtrija kienu minn dawk li soltu kienu jservu għall-istabbiliment li minnu kien inkarikat Grima; u, kif xehed John Meli, meta Grima kien igib l-affarijiet, kien jgħid lill-lavranti jpoġġuhom ma' l-oħrajn. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-oġġetti mixtrija kienu estranei għall-istabbiliment tal-konkonvenut u għax-xogħol li minnu kien inkarikat Grima;

Ikkunsidrat;

Illi skond l-art. 64 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, il-prinċipal hu responsabili għall-għemil ta' l-institur u għall-obligazzjonijiet li dan jikkuntratta fil-limiti tal-kummerċ jew tal-linja tal-kummerċ li jkun ġie mħolli f'idejh. U skond l-art. 63 ta' l-istess Kodiċi, biex quddiem it-terzi persuni l-inkariku mogħti lill-institur ma jitqiesx li huwa ġenerali u li fih jidħlu l-attijiet kollha li jagħmlu ma' l-eżerċizzju tal-kummerċ u li huma meħtieġa għall-eżerċizzju tal-kummerċ, jew tal-linja ta' kummerċ li għalihom ikun ġie mogħti lilu dana l-inkariku, jeħtieġ li l-prinċipal jippreżenta fil-Qorti kompetenti nota li turi ħaġa b'ħaġa x'inhuma l-limiti kollha għas-setgħat mogħtija lill-institur, u għandu jiftiex li dik in-nota tiġi mwaħħla fil-Borża tal-Kummerċ u maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta oħra, jekk jista' jkun kummerċjali. Iżda minn dana kollu l-konvenut ma għamel xejn, għax ebda nota ma ppreżenta

biex juri l-limitazzjonijiet ta' l-inkariku ta' l-institur. Għal-daqstant quddiem it-terzi persuni l-inkariku ta' Grima kellu jiġi kunsidrat bħala ġenerali, u ebda prova ma ngiebet biex turi li l-attur kien jaf li Grima ma kellux fakoltà jixtri bid-dejn b'mod li jħalla kont ta' £37 u jdum ma jħallas tliet xhur u nofs. Anzi rriżulta li fuq dina l-materja l-partijiet ma kienu tħaddtu qatt qabel. Fix-xiri bid-dejn u fid-dewmien ta' ħlas għal ftit xhur ma hemm xejn straordinarju għall-institur. Anzi l-liġi stess tikkontempla anki l-validità u l-obligatorjetà għall-prinċipal tad-dejn ta' self magħmul mill-institur magħmul bl-iskop espress li jservi għan-negozju jew għal-linja tan-negozju tal-prinċipal li minnu jkun inkarikat l-institur (art. 65 Kod. Kumm.);

Fil-każ preżenti d-dejn kien jirrigwarda x-xiri ta' oġġetti ta' natura attinenti għall-istabbiliment tal-konvenut, li tiegħu kien l-institur Grima; u, kif gà ġie rilevat, Grima kien soltu jixtri bid-dejn bir-ratifika perijodika u abitwali tal-konvenut stess. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-konvenut ma jistax jiġi eżonerat mir-responsabilità tad-dejn in kwistjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-appell, fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba ta' l-attur, limitatament għas-somma ta' £31. 19. 7, u tikkonferma dik l-istess sentenza għall-bilanċ; u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu minn ħamsa waħda mill-attur u l-kumplament mill-konvenut; u f'dana s-sens tirriforma s-sentenza appellata.